**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 192/2016 CFF**

**Anna Zelbst**

**Vs**

**Alfred Mifsud**

**Illum 17 t'Ottubru, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tal-attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' sitt elef euro (€6000) lilha dovuti sallum skont l-obbligazzjoni minnu assunta bil-miktub fit-8 ta' Gunju, 2016 (ix-xahar gie erronjament indikat minnu bhala Lulju).

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 7 ta' Lulju, 2016.

Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat **ir-risposta** tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Qabelxejn u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, l-attrici ghandha tispjega l-bazi legali tal-jedd pretiz minnha b'din l-azzjoni.

2. Preliminarjament, l-inkompetenza ta' din il-Qorti ratione materiae in kwantu l-attrici qed titlob hlas ta' manteniment.

3. Preliminarjament ukoll, l-illegittimita' tal-persuna ta' l-attrici Anna Zelbst biex tipproponi din l-azzjoni ghall-hlas tal-manteniment tal-ulied in kwantu dawn huma maggorenni, u ghandhom il-kapacita' legali shiha li joqghodu f'kawza.

4. Minghajr pregudizzju u fil-mertu, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fil-ligi u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

5. Mhux minnu li l-eccepjent assuma xi obbligazzjoni ta' hlas favur l-attrici bil-kitba indikata fir-Rikors.

6. Fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju, ulied il-partijiet huma t-tnejn maggorenni u l-eccepjent minn jeddu qed jipprovdi ghalihom direttament maghhom. Fir-rigward tal-attrici, l-eccepjent ma ghandu ebda obbliga ta' hlas ta' manteniment jew xi debitu iehor.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi Anna Zelbst ipprezentat u ikkonfermat l-affidavit taghha datat 25 t'Ottubru, 2016. Hija tghid li bdiet relazzjoni ma Alfred Mifsud u li wara xahrejn bdew jghixu flimkien fir-residenza taghha ta' Gwardamangia u minn liema relazzjoni twieldu zewgt itfal u cioe' Alain Alexander Mifsud li llum ghandu 21 sena u Shana Marie Mifsud li llum ghandha 18-il sena. Tkompli tghid illi fis-sena 2006 Alfred Mifsud u hi ma baqghux jghixu flimkien u t-tfal baqghu fil-kustodja taghha izda bejn is-sena 2010 u s-sena 2011, Alfred Mifsud lesta l-appartament ta' Fort Cambridge u l-familja kollha regghet inghaqdet sakemm fi Frar tal-2016 rega' nqala' l-inkwiet bejniethom u s-sur Alfred Mifsud rega' mar ghal rasu. Is-sur Alfred Mifsud ghadda cekk ta'

€3000 kull xahar ghax-xhur ta' Marzu, April u Gunju lilha sabiex hi u t-tfal ikompli jghixu l-hajja taghhom, izda fil-bidu ta' Gunju, s-sur Mifsud, permezz ta' email, apparti certu nsulti, informa lil Anna Zelbst illi sar jaf mara ohra u xtaq iqatta' iktar hin maghha sabiex isir jafha iktar. Anna Zelbst izzid tghid li peress li bezghet li b'dan l-email is-sur Mifsud ried iffiser li kien se jieqaf ic-cekk ta' €3000, hi kkomunikat mieghu permezz ta' sms fejn talbitu jispjega ruhu. Huwa kkonferma li c-cekk ta' €3000 xorta kien se jibghatulha. Is-sinjura Zelbst xtaqet konferma bil-miktub, u ghaldaqstant talbet lis-sur Mifsud sabiex jaghmel dikjarazzjoni. Dan ta' l-ahhar ikkonferma li sa fil-ghaxija kien se jimposta din id-dikjarazzjoni fil-letterbox taghha fejn iddikjara li kien se jkompli jhallas l-ispejjez ta' manutenzjoni u spejjez li jsiru fl-appartament fejn jghixu hi u t-tfal taghhom. Fil-fatt din id-dikjarazzjoni tpoggiet mis-sinjura Zelbst go plastic folder blu skur fil-bureau taghha, liema bureau qatt ma kienet issakkar. Dan id-dokument flimkien ma zewg dokumenti ohra gew skenjati fuq biro li fiha kellha USB ukoll, liema kopji skenjati ta' dawn id-dokumenti ntbghatu lil Dr. Albert Libreri li huwa l-Avukat tas-sinjura Zelbst. F'Gunju, 2016 is-sinjura Zelbst kellha ssiefer Brussels u f'dak il-perjodu s-sur Mifsud mar jorqod id-dar. Alain Mifsud li jigi t-tifel tas-sinjura Zelbst u s-sur Mifsud ikkonferma lill-ommu li l-plastic folder blu skur ma kienx ghadu f'postu u li kien ra lil Alfred Mifsud igerfex fil-bureau taghha. Sussegwentement is-sinjura Zelbst marret taghmel rapport l-Ghassa ta' tas-Sliema wara hafna tentattivi inutli ta' komunikazzjoni mas-sur Mifsud.

Rat illi Alain Alexander Mifsud li jigi t-tifel ta' Anna Zelbst u Alfred Mifsud ikkonferma li ghandu 21 sena u li huwa full time student Universitarju. Sakemm il-genituri tieghu baqghu flimkien, hu kien jghix maghhom u llum il-gurnata huwa jghix gewwa Fort Cambridge, Sliema. Fi Frar 2016, is-sur Alfred Mifsud ma baqax jghix mal-familja tieghu izda l-kumplament tal-familja, cioe' Alain, ohtu Shana, u ommu Anna Zelbst baqghu u ghadhom jghixu hemm sallum il-gurnata.

Rat illi Shana Marie Mifsud li tigi t-tifla ta' Anna Zelbst u Alfred Mifsud ikkonfermat li ghandha 18-il sena u li hija full time studenta Universitarja. Sakemm il-genituri taghha baqghu flimkien, hi kienet tghix maghhom u llum il-gurnata hija tghix gewwa

Fort Cambridge, Sliema. Fi Frar 2016, is-sur Alfred Mifsud ma baqax jghix mal-familja tieghu izda l-kumplament tal-familja, cioe' Alain, hi, u ommha Anna Zelbst baqghu u ghadhom jghixu hemm sallum il-gurnata.

Rat illi Dr. Albert Libreri kkonferma li rcieva email minghand Anna Zelbst li kien fiha kopja tal-iskrittura.

Rat illi Alfred Mifsud ikkonferma li kien bghat xi messaggi permezz tal-mobile lil Anna Zelbst. Jikkonferma wkoll li kien imposta fil-letter box ta' Anna Zelbst id-dikjarazzjoni li fuqha qed tigi bazata din il-kawza.

Illi fis-seduta tal-25 t'Ottubru, 2016, PS 785 Andre' Cassar jghid li jgharaf il-mara li ghamlet ir-rapport u gharaf ukoll ir-ragel li gie investigat fuq tali rapport. Ir-rapport sar fid-29 ta' Lulju, 2016 u l-update tal-istess rapport saret fid-9 t'Awwissu, 2016. Is-surgent kellem lil Alain Alexander Mifsud fil-prezenza tal-Ispettur Mark Mercieca, kif ukoll kellem lis-sur Alfred Mifsud. Is-surgent ikkonferma li ghaddejjin proceduri kriminali. Ikompli jghid li r-rapport tas-sinjorina Zelbst kien li binha qalilha li bejn id-19 u l-20 ta' Gunju, Alfred Mifsud raqad fir-residenza taghha stante li hi kienet imsiefra, izda meta giet lura skopriet li kellha certu files u dokumenti personali taghha nieqsa. Huwa kkonferma li Anna Zelbst irrapurtat li binha ra lil Alfred Mifsud "fiddling" fil-karti personali taghha. Zied jghid li hi rrappurtat li t-tifel ra lil missieru jiehu folder blu. Meta t-tifel gie mistoqsi, dan ma kkonfermax dak li rraportat ommu izda qal bil-kontra u cioe' li ra lil missieru hdejn il-bureau. Meta l-Qorti regghet saqsiet lis-surgent x'kien qal it-tifel, dan tenna li missieru hareg b'attaché case pero' ma setax jghid x'kien hemm f'dan l-attache' case. M'hemm l-ebda proceduri kontra Anna Zelbst.

In kontro-ezami, Alfred Mifsud ikkonferma li kellu relazzjoni ma Anna Zelbst liema relazzjoni bdiet fis-sena 1993 u wara li twieled it-tifel fis-sena 1995 marru jghixu flimkien gewwa Haz-Zebbug. Wara li twieldet it-tifla fis-sena 1998 marru jghixu gewwa Hal-Balzan. Ir-relazzjoni taghhom damet ghaddejja sas-sena 2006. Fiz-zmien tas-separazzjoni, Alfred Mifsud baqa' jghix gewwa Hal-Balzan stante li xtara s-

sehem ta' Anna Zelbst u din ta' l-ahhar xtrat post gewwa n-Naxxar. Fit-2012, Alfred Mifsud kien investa f'zewg appartamenti gewwa Fort Cambridge u bis-sahha tat-tfal marru lkoll jghixu gewwa tas-Sliema u dan wara li Alfred Mifsud u Anna Zelbst ghamlu sitt snin ma jghixux flimkien. Avolja kienu jghixu flimkien, Alfred Mifsud jghid li r-relazzjoni kienet bierda hafna u fil-fatt fis-sena 2016 gara li Alfred Mifsud bghat messagg bi zball lil Anna Zelbst liema messagg kien intenzjonat ghal persuna li beda relazzjoni maghha. Sussegwentement, Alfred Mifsud telaq mid-dar u mar jghix gewwa l-Msida wara li rrangah ta' malajr. Izid jghid li anke wara li telaq mid-dar, ghax-xhur ta' Marzu, April, Mejju u Gunju kien jaghti tliet elef ewro permezz ta' cekk, lill-Anna Zelbst ghat-tfal. Peress li r-relazzjoni ta' Alfred Mifsud u Anna Zelbst kienet spiccat, Anna Zelbst xtaqet sigurta' u ghaldaqstant talbet lill-Alfred Mifsud certu rikjesti bhal, li t-tfal ikollhom medical insurance u ghal dan Alfred Mifsud qabel. Li jiehu hsieb l-edukazzjoni tat-tfal u ghal dan Alfred Mifsud qabel ukoll. Li t-tifla jkollha karozza u ghal dan Alfred Mifsud qabel. Pero' mbghad Anna Zelbst talbet li jkollha karozza f'isimha, riedet ic-cekk taghha b'standing order, somma flus u post dicenti gewwa Ghawdex u ghal dawn Alfred Mifsud ma qabilx. Alfred Mifsud isostni li avolja hu u Anna Zelbst kienu fi trattattivi sabiex isibu soluzzjoni bejniethom, fl-10 ta' Gunju hargu allegazzjonijiet fuq il-blog ta' Daphne Caruana Galizia li Alfred Mifsud huwa korrott u ghamel money laundering. Izid jghid li hu jissuspetta li dawn l-allegazzjonijiet hargithom Anna Zelbst biex twaqqfu milli jsir Gvernatur tal-Bank Centrali, liema suspett gie konfermat minn Daphne Caruana Galizia stess fis-17 ta' Gunju. F'dan l-istadju, Alfred Mifsud waqqaf kull negozzjati li kien hemm ghaddejjin bejnu u Anna Zelbst. Minhabba din l-azzjoni ta' Anna Zelbst, Alfred Mifsud tilef is-salarju li kien ikollu l-Gvernatur tal-Bank Centrali u cioe' xi €90,000 u peress li mar jghix gewwa d-dar tieghu Hal-Balzan liema dar kienet tinkera, tilef ukoll il-kera ta' din l-istess dar u cioe' madwar €30,000. Alfred Mifsud jghid li minflok baqa' jaghti cekk lill-Anna Zelbst, beda jaghti €250 kull wiehed u kull gimgha, direttament lit-tfal tieghu permezz ta' direct credit. Izid jghid li huwa jixtieq li Anna Zelbst tohrog mid-dar gewwa tas-Sliema sabiex imur jghix hu mat-tfal u jkun jista' jerga' jikri d-dar ta' Hal-Balzan u jkabbar l-introjtu tieghu. Meta gie mistoqsi in ezami kemm jinkera l-appartament l-iehor gewwa tas-Sliema huwa qal li jikrieh €3,000 fix-xahar, u meta

gie mistoqsi kemm hu s-salarju tieghu bhala Deputy Governer tal-Bank Centrali ta' Malta huwa qal li huwa €60,000 fis-sena, u ghandu l-beneficcji ta' xufier u mobile. Ikompli jghid li hu ghandu kumpaniji li ghandhom il-proprjeta' u dawn huma Forty Nine Limited u AM 1951 Limited. Il-kumpanija Crystal Finance giet mibjugha minn Alfred Mifsud izda l-istess kumpanija ghandha obbligazzjoni lejn Anna Zelbst, li jekk jigi nieqes Alfred Mifsud, il-kumpanija tibqa' taghti certu ntrojtu lill-Anna Zelbst.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti se tibda billi titratta it-tieni (2) u tielet (3) eccezzjoni li huma ta' natura preliminari. Il-konvenut qieghed jikkontendi li din il-Qorti hija inkompetenti li tisma' din il-kawza *ratione materiae* inkwantu l-attrici qed titlob hlas ta' manteniment u sussegwentement in vista ta' dan il-fatt, allura ladarba ulied il-partijiet huma lkoll maggorenni, sta ghalihom li jaghmlu din it-talba u mhux l-attrici, ghalhekk l-illegittimita' tal-persuna ta' Anna Zelbst.

Il-Qorti hawnhekk ghandha quddiemha dokument datat bhala 8 ta' Lulju 2016 (li fir-realta' kellu jkun datat 8 ta' Gunju 2016), miktub mill-konvenut u li permezz tieghu qieghed jesprimi l-intenzjoni tieghu li sakemm ulied il-partijiet jdumu jirrisjedu ma' l-attrici allura hu se jghaddi l-ammont ta' tlett elef Ewro (€3000)[1].

It-talba ta' l-attrici hawnhekk hija msejsa fuq dak id-dokument, fit-talba taghha hija qeghda titlob l-ammont ta' sitt elef Ewro (€6000) u cioe' il-pagamenti ta' Lulju 2016 u Awissu 2016.

Il-Qorti ma tarax li din hija talba li permezz taghha l-attrici qeghda titlob li tistabbilixxi manteniment ghaz-zewgt it-tfal tal-partijiet, izda hija talba ta' ammont ta' kreditu li l-attrici qed tippretendi li ghandha a bazi tad-dokument datat 8 ta' Lulju 2017 (li kellu jkun datat 8 ta' Gunju 2017). Kieku l-attrici fit-talba taghha effettivament kienet qeghda titlob li din il-Qorti tistabbilixxi manteniment allura, iva

[1] A fol 12 tal-process immarkat bhala Dok AZ 1

din il-Qorti ma kienx ikollha l-kompetenza li tisma' din il-kawza, izda, dan mhux il-kaz. L-attrici ghandha pretensjoni ta' kreditu fl-ammont ta' sitt elef Ewro (€6000) a bazi tad-dokument ezebit a fol 12 tal-process.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tichad it-tieni (2) u tielet (3) eccezzjoni tal-konvenut u se tghaddi biex tiddeciedi l-kaz fuq il-mertu.

Issa li gie stabbilit li l-attrici ghandha pretensjoni ta' kreditu fil-konfront taghha a bazi tad-dokument ezebit a fol 12 tal-process, il-Qorti trid tistabbilixxi, jekk dak id-dokument jikkostitwix minnu nnifsu obligazzjoni fil-konfront ta' l-attrici.

Il-Qorti se tirriproduci l-kliem tad-dokument ezebit a fol 12 tal-process miktub mill-konvenut hawnhekk;

*"This is to confirm my intention that for as long as you live with the children, Alain and Shana, I will maintain the monthly allowance of Euro 3000 (three thousand euro) and will continue to pay all reasonable maintenance and utility cost of E5/1501 Fort Cambridge.*

*If Alain and Shana leave the allowance will be reduced proportionately but never below the gross pension I receive from National Insurance.*

*I also confirm that I will treat Alain and Shana fairly and equally in my will and in line with my older children."*

Dokument li gie iffirmat mill-konvenut Alfred Mifsud. Il-Qorti ghalhekk issa trid tgharbel il-kliem li gie miktub mill-konvenut f'din id-dikjarazzjoni. Hawnhekk il-konvenut qieghed evidentement u b'mod car jesprimi intenzjoni li, huwa bhalma xehed li diga' kien qed jaghmel se jibqa' jghaddi l-ammont ta' tlett elef Ewro (€3000) lill-attrici kemm il-darba uliedhom jibqghu jghixu fl-istess fond maghha.

L-attrici tikkonferma li l-konvenut effettivament dejjem kien jghaddilha dan l-ammont fix-xahar biex tiehu hsieb il-bzonnijiet ta' uliedha u taghha izda l-pagamenti waqfu f'Mejju tas-sena 2016 liema pagament kien intiz ghal-Gunju 2016, dan sar fl-isfond ta' problemi bejn il-partijiet li dak iz-zmien kienu qed itemmu r-relazzjoni ta' bejniethom. Hija bdiet tircievi certu messaggi li kien fihom certa theddid u ghalhekk hasbet li l-ewwel pass kien li l-konvenut se jwaqqaf dan il-pagament li kien qed jghaddi kull xahar. Peress li l-attrici inkwetat, talbet lill-konvenut jghidilha jekk hux ser jibqa' jtiha l-pagament ta' tlett elef (€3000) Ewro fix-xahar, u hu ikkonferma, ghalhekk talbet lill-konvenut jikkonferma dan bil-miktub, u filghaxija sabet id-dokument ezebit f'dawn il-proceduri (a fol 12 tal-process) fil-kaxxa ta' l-ittri taghha.

Il-verzjoni tal-konvenut ma tantx hija differenti minn hekk; jikkonferma li huwa kien jghaddi l-ammont ta' tlett elef Ewro (€3000) fix-xahar lill-attrici, jikkonferma wkoll li ulied il-partijiet ghadhom jghixu ma' l-attrici u jikkonferma wkoll li kien hu li kiteb dan id-dokument ezebit a fol 12 tal-process pero' hu jghid li b'dan id-dokument huwa kien qieghed biss jesprimi intenzjoni fl-isfond ta' trattattivi li kienu qed isiru bejn il-partijiet sabiex il-firda taghhom tkun wahda dicenti. Fil-fatt huwa jezebixxi ghadd ta' dokumenti[2] li juru li l-partijiet veru kienu qeghdin ghaddejin minn trattattivi bejniethom. Huwa jghid li dan id-dokument kitbu sabiex iserrah ras lill-attrici li kemm il-darba kien se jkun hemm ftehim bejniethom ma kienx se jaqta' l-hlas ta' tlett elef Ewro (€3000) li kien qieghed jaghmel lill-attrici kull xahar. Huwa jghid li sad-data li fiha kiteb id-dokument (datat 8 ta' Lulju 2016 li suppost kellu jkun datat 8 ta' Gunju 2016) kollox kien sew u l-intenzjoni kienet dik li jkompli jghaddi dan l-ammont fix-xahar lill-attrici, izda fl-istess xahar ta' Gunju 2016 l-attrici ghamlet allegazzjonijiet fil-konfront tieghu fuq il-blogg ta' Daphne Caruana Galizia u in vista ta' dan huwa iddecieda li jirtira kollox u l-weghdiet kollha li kien ghamel lill-attrici. Dan huwa ikkorroborat b'ittra li l-konvenut kiteb lill-attrici li tinsab a fol 70

---

[2] A fol 69 sa fol 71

tal-process immarkata bhala Dok AF3 fejn fost affarijiet ohra huwa qalilha dawn il-kliem *"It-tfal taghna illum adulti u ma ghandhomx bzonn min jiehu hsiebhom.*[3]*"*

L-attrici min-naha taghha tghid li id-dokument ezebit a fol 12 li jikkontjeni fih dikjarazzjoni tikkostitwixxi obligazzjoni unilaterali fil-konfront taghha. Il-konvenut min-naha tieghu jghid li dik id-dikjarazzjoni hija biss dikjarazzjoni ta' intenzjoni li saret fl-isfond ta' trattattivi li kienu ghaddejin bejn il-partijiet u li m'ghandha l-ebda qafas legali u ghaldaqstant mhux marbut biha li jibqa' jhallas lill-attrici l-ammont ta' tlett elef Ewro (€3000) fix-xahar.

L-Artikolu 959 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jindika kif jitnisslu l-obbligazzjonijiet,
*"L-obbligazzjonijiet li mhumiex ġejjin mis-setgħa biss tal-liġi, jitnisslu minn kuntratti, kważi-kuntratti, delitti, jew kważi-delitti."*

Huwa car u evidenti li d-dokument li jinsab a fol 12 tal-process la huwa kuntratt u lanqas ma huwa xi forma ta' skrittura privata bejn zewg partijiet. Lanqas ma jidher li d-dikjarazzjoni maghmulha mill-konvenut hija xi obbligazzjoni li gejja mis-setgha tal-Ligi.

Li huwa car pero' li d-dikjarazzjoni maghmulha mill-konvenut, hija weghda. Huwa qieghed jesprimi l-intenzjoni tieghu li jibqa' jhallas is-somma ta' tlett elef Ewro (€3000) fix-xahar lill-attrici, b'din l-ittra huwa qieghed iwieghda li hekk se jibqa' jaghmel.

Il-Qorti ghalhekk trid tara jekk din il-weghda hijiex wahda li torbot lill-konvenut ai termini tal-Ligi. Fil-fatt il-Ligi Maltija tikkontempla l-"weghda" bhala wahda li torbot il-partijiet fi tlett istanzi:

---

[3] Referenza qed issir ghal din is-sentenza u mhux ghall-kontenut ta' l-ittra kollha peress li din hi l-parti ta' l-ittra li hija relevanti ghall-kawza odjerna.

Fit-Titolu V Fuq il-Kitbiet taz-Zwieg, fl-Artikolu 1240 li jghid hekk,

*1240.*

*(1) Hija valida l-weghda magħmula f'kitba ta' żwieġ minn ġenitur ta' wieħed mill-għarajjes lil dan il-għarus-*

*(a) li ma jħallix mill-wirt tiegħu lil dan il-għarus sehem anqas minn dak li kieku jmiss lil dan il-għarus b'suċċessjoni ab intestato; jew*

*(b) li ma jnaqqasx dak is-sehem b'donazzjoni favur ta' tfal oħra tiegħu jew ta' xi persuni oħra; jew*

*(ċ) li ma jagħtix jew ma jħallix, b'donazzjoni jew b'testment, lil ebda wieħed mit-tfal l-oħra tiegħu, iżjed minn dak li jagħti jew li jħalli lil dan il-għarus.*

*(2) Kull wieħed mill-għarajjes jista' wkoll jirrinunzja għas-suċċessjoni ta' wieħed mill-ġenituri tiegħu jew axxendent ieħor, minħabba dak li jkun ħa mingħand dak il-ġenitur jew axxendent ieħor b'titolu ta' donazzjoni għaż-żwieġ.*

Fit-Titolu VI Fuq il-bejgh, fl-Artikolu 1357 u sussegwentement bl-istess mod fl-Artikolu 1514,

*1357.*

*(1) Il-wegħda ta' bejgħ ta' ħaġa bi prezz determinat, jew bi prezz li għandu jiġi stabbilit minn persuna waħda jew iżjed bħalma jingħad fl-artikoli ta' qabel dan, ma titqiesx bejgħ; iżda, jekk tiġi aċċettata, iġġib, f'dak li wiegħed, l-obbligu li jagħmel il-bejgħ, jew, jekk il-bejgħ ma jkunx jista' iżjed isir, l-obbligu li jħallas id-danni lill-accettant.*

*1514.*

*Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1357, 1359 u 1360 għandhom japplikaw għal wegħda dwar enfitewsi magħmula wara l-1 ta' Lulju, 1976, kif japplikaw għal wegħda ta' bejgħ jew ta' xiri.*

Fit-Titolu XIV Fuq id-donazzjoni, fl-Artikolu 1803 li jghid hekk,

*1803.*

*(1) Kull donazzjoni jew wegħda magħmula b'kontemplazzjoni ta' żwieġ, tibqa' mingħajr effett jekk iż-żwieġ ma jsirx.*

Illi d-dikjarazzjoni ta' intenzjoni maghmulha mill-konvenut a fol 12 tal-process ma tinkwadra fl-ebda wahda minn dawn it-tlett xenarji hawn fuq. Ghalhekk l-istess dokument ma jorbotx lill-konvenut li jhallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef Ewro (€3000) fix-xahar. Permezz taghha dik l-ittra huwa kien qieghed jesprimi intenzjoni li eventwalment dik l-intenzjoni sfaxxat ladarba graw affarijiet li biddlu s-sitwazzjoni u c-cirkostanzi ta' bejn il-partijiet. Jaghmel sens ukoll mid-dokumenti prezentati u mix-xhieda moghtija miz-zewg partijiet li dak id-dokument li jinsab a fol 12 tal-process kien parti minn ghadd ta' korrispondenza u trattattivi bejn il-partijiet, il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita dan.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tichad it-tieni (2) u t-tielet (3) eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' ir-raba' (4) u l-hames (5) eccezzjoni, konsegwentement tichad it-talba attrici u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel (1) u tas-sitt (6) eccezzjoni.**

**Spejjez a karigu ta' l-attrici.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**